**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 12**

**Avviz. numru 1540/00JR**

**Anthony Buhagiar**

**vs**

**Saviour maghruf bhala Salvu Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160.00), rapprezentanti danni sofferti mill-attur in kwantu ghal valur ta' qamh mizruh u mahsud minn l-attur minn raba maghrufa bhala "Tal-Bajjad" fl-Iklin, u dana stante li l-konvenut b'mod arbitrarju u abbuziv iddistrugga l-ucuh, li kien qed jahdem l-attur kif spjegat fit-talba u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 19 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fit-18 ta' Ottubru, 2000 fejn eccepixxa:**

1. **Illi l-eccipjenti ma kkaguna l-ebda dannu lill-attur u ghalhekk m'ghandu jaghtih xejn.**

2. **Illi l-attur irid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu.**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Buhagiar, Karmenu Muscat, Saviour Pisani u Valent Muscat.**

**Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi dan il-kaz jirrigwarda talba ghal danni li l-attur ighid li sofra meta l-konvenut allegatament iddistrugga l-wicc tar-raba. Id-danni huma l-valur ta' qamh li l-attur kellu mizruh u mahsud fir-raba f'"Tal-Bajjad" fl-Iklin.**

2. **Jirrizulta li l-attur kien jahdem l-ghalqa in kwistjoni bil-kunsens ta' Carmel**

**Chetcuti li kien taghilu biex jahdimielu. L-attur kien jikkumpensa lil Chetcuti bi frott mill-ghalqa.**

3. **Jirrizulta illi l-attur kien zara l-qamh fl-ghalqa f'Novembru, 1999. Jirrizulta li ghal habta ta' Awissu jew Settembru ta' l-istess sena l-konvenut kien qal lill-attur biex ma jidholx izjed fl-ghalqa, u konsegwentement kien ukoll kitiblu Chetcuti f'Marzu, 2000 sabiex ma jidholx fl-ghalqa.**

4. **Jirrizulta li l-attur kien hasad il-qamh u kien fadallu jigbru u dana kien ghal habta ta' Mejju, 2000. Wara li hasdu skond l-attur mar certu Karmnu maghruf bhala l-"Lupu", u l-konvenut ma halliehx jidhol. L-attur ighid li halla xi hmistax ighaddu u meta mar jara kif kien il-qamh sab li hartuhulu bir-romblu u b'hekk intilef il-prodott.**

5. **L-attur jikkalkola li t-telf tal-prodott kien ta' mija u sittin lira (Lm160.00) fuq il-bazi li minn kull tomna johrog hamsin balla (50) u hu ghandu tlett tomniet, u l-prezz ta' kull balla hu ta' lira u hames centezmi (Lm1.05c). F'dan ir-rigward it-Tribunal innota li Karmnu Muscat li kien jahdem ghall-attur qed ighid li kien hemm b'xi mija u sebghin (170) balal u li kull balla tiswa lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1.25). Valent Muscat fir-rigward jghid li tomnejn biss mill-ghalqa kienu mahduma.**

6. **Skond il-konvenut hu kien qal lill-attur biex ghas-sena ta' wara ma jizrax.**

Pero` fir-rigward ma hemmx provi sufficjenti.

7. Li jirrizulta invece huwa li tassew li f'Novembru, 1999 l-attur kien zera l-qamh, ghax kien hekk miftiehem ma' Chetcuti, u sa dak iz-zmien ma kellux ordni kontra dan. Fil-fatt jirrizluta li Chetcuti kien kellmu fis-sens biex ma jidholx fl-ghalqa, biss f'Marzu, 2000. Jigi nnutat li Chetcuti kien il-persuna li kien ihallas il-qbiela lill-Joint Office. Jidher li Chetcuti kellem lill-attur f'dan is-sens peress illi hu kien dahal fi ftehim mal-konvenut skond ma jirrizulta mill-iskrittura Dok. A esebita, fejn fost ohrajn inghad hekk:

   "Ic-cedenti (Chetcuti) jiddikjara li hu m'ghandu ebda ftehim iehor ma' terzi persuni biex jahdmu l-art li qieghda tigi trasferita u l-persuna li qieghda tahdem l-art prezentement qieghda taghmel dan minghajr ebda titolu u minghajr il-permess tac-cedenti."

   Dan il-ftehim pero` sar fl-20 ta' Jannar, 2000, u cioe` wara li l-attur kien zera l-ghalqa imsemmija.

8. Jirrizulta li l-qamh thalla hemm ghall xi granet kif jghid l-attur. Skond il-konvenut kienet qed toqrob il-festa u il-qamh mahsud kien qed jikkostitwixxi perikolu minhabba li kien hemm il-kamra tan-nar vicin. Il-konvenut ghalhekk ordna li jinharat.

9. Fil-fehma tat-Tribunal l-attur kien qed jagixxi in bona fede meta huwa zera l-ghalqa. Anke jekk il-konvenut kien ga qallu biex ma jidholx ma jirrizultax li

**dan kellu xi dritt fir-rigward, tant li c-cessjoni da parti ta' Chetcuti lill-konvenut saret biss f'Jannar, 2000. L-attur fic-cirkostanzi kellu kull dritt, kif kien miftiehem, li jigbor dak li zera. Il-fatt li l-konvenut iddistrugga l-prodott jirrendi lill-istess konvenut passibbli ghall-azzjoni ghad-danni.**

**10. Dwar id-danni it-Tribunal hu soddisfatt mix-xhieda mismugha li fil-fatt ma kien hemm tlett tomniet jinhadmu, izda tomnejn. Fuq il-bazi tal-prezz li ta' l-istess attur jigi li l-attur sofra danni ammontanti ghall mija u sitt liri Maltin (Lm106.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u sitt liri Maltin (Lm106.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 ta' Lulju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**